**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 15 - IT-TLIETA 13 TA' APRIL 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku (telaq fl-9:50pm) |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat (imsiefer): | Mario Brincat | Kunsillier |
| Pubbliku: | Kien hemm 7 persuni preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku kienet infurmat li se tasal tard. Għaldaqstant beda jmexxi l-laqgħa l-Viċi Sindku.

1.2. Ġew approvati l-minuti tal-laqgħa numru 13.

*1.3.* Kif tressqu l-minuti tal-laqgħa b'urġenza (numru 14) il-Kunsill ikkonsidra u approva emenda għal paragrafu numru 1.6 kif propost mill-Kunsilliera Miceli. Dan il-paragrafu inbidel għal: *'Hawnhekk il-Kunsilliera Miceli qalet li l-Masterplan, li kien jaf bih kulħadd, ta rendikont tat-traffiku li jgħaddi min-Naxxar u ssuġġerixxa kif għandu jitnaqqas ħalli jonqos it-tniġġiż miċ-ċentru. Għaldaqstant jagħmel sew il-Kunsill jekk jitlob fondi għal tisbiħ u tnaqqis tat-traffiku miċ-ċentru.'*

1.4. Il-minuti tal-laqgħa numru 14 ġew approvati kif emendati u ffirmati.

1.5. Il-Kunsillier Sammut issuġġerixxa li ssir nota fuq il-minuti biex jiġi ċċarat li l-pjanta li saret riferenza għaliha fuq minuti preċedenti rigward il-proposta tal-Kunsill li parti mill-pjazza tiġi żona pedonali, ma kinitx waħda magħmula minn xi periti iżda sempliċiment disinn li sar waqt il-laqgħa stess. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.6. Hawnhekk il-Kunsilliera Miceli talbet biex kemm-il darba jkun hemm xi ċaqliq ta' laqgħat urġenti, il-Kunsilliera għandhom jiġu avżati b'telefonata minflok b'komunikazzjoni elettronika.

1.7. Il-Kunsillier Sammut staqsa dwar kemm-il darba ltaqa' l-bord tal-ilmenti matul l-aħħar xahar. Huwa ġie infurmat li dan ix-xahar ma ltaqax. Il-Kunsillier Sammut issuġġerixxa li kemm-il darba jkun hemm xi kunsillier li ma jistax jattendi, minflok tiġi posposta l-laqgħa, jiġi delegat Kunsillier ieħor minflok. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.8. Il-Kunsillier Bonello semma li kellu informazzjon li r-rapport finanzjarju ippreżentat mill-accountant kellu ħafna żbalji. Is-SE ikkonferma dan u infatti stqar illi, kif kien semma fl-aħħar laqgħa huwa ma kienx f'pożizzjoni li jikkummenta minħabba li kien għadu kemm wasallu. Infatti r-rapport kien instbagħat lura u minn bilanċ ta' €10,000, spiċċa li l-Kunsill spiċċa s-sena b'€5,000 fi żbilanċ. Il-Kunsill iddeċieda għalhekk li għandu jikkunsidra s-servizzi tal-accountant preżenti fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 2. ĦLAS TA' KONTIJIET

2.1. Ġiet preżentata l-lista ta' pagamenti, kopja tagħha mehmuża f'appendiċi A. Din ġiet approvata.

2.2. Il-Kunsillier Bonello staqsa x'sar mill-filmat tar-Raħal fil-Milied u jekk ikunx possibbli li l-Kunsilliera jingħataw kopja tad-dvd. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 3. TINDIF – KWOTAZZJONIJIET

3.1. Is-SE wera ritratti u kwotazzjoni mingħand Salvu Mifsud għal ġbir ta' ammont kbir ta' skart minn Triq Castro u Triq il-Ġiżwiti. Kien hemm qbil li dawn huma għaljin wisq u għaldaqstant se jinġabu żewġ kwotazzjonijiet oħra. Is-SE ġie mitlub imexxi għat-tindif bl-aktar kwotazzjoni rħisa li jsib.

## 4. L-OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' HANDYMAN

4.1. Is-SE bagħat komunikazzjoni tal-evalwazzjoni dwar il-possibbiltà ta' ffrankar ta' flus fuq is-servizz tal-*handymen*. Skont l-evalwazzjoni li għamel, jidher li mhijiex fattibbli u vijabbli u għaldaqstant kien hemm qbil li, sakemm ma jinbidlux iċ-ċirkostanzi, jinżammu l-istess ħinijiet, ċioè mis-7:30am sas-1:30pm.

4.2. Hawnhekk waslet is-Sindku. Il-ħin kien it-8:26pm. Hija skużat ruħha mal-Kunsill minħabba d-dewmien tagħha dovut għal każ urġenti li kellha.

4.3. Il-Kunsill evalwa t-tliet offerti u qies il-livell tajjeb ħafna tal-offerenti Victor Mula u Jurgen Attard li ilhom jagħtu lill-Kunsill għal numru ta' snin. Dawn dejjem kienu disposti għal kull xogħol li jinqala' u qatt ma kellhom limitazzjoni ta' ħin tant li fi żminijiet bħall-Milied u okkażjonijiet oħra ħadmu anki bil-lejl. Dawn dejjem ħadu wkoll diversi inizjattivi fosthom biex jagħmlu dwal tal-Milied għat-toroq tan-Naxxar.

4.4. Il-Kunsill qies ukoll it-tielet kuntrattur fejn il-Kunsill intervistah ukoll. Il-Kunsill ma ħassx li jista' jkun konvint mill-impenn ta' dan il-kuntrattur minħabba li għandu kumpanija privata ta' *turnkey contractor* u li ddikjara li x-xogħol li jkollu normalment huwa żgħir ħafna meta wieħed normalment jistenna ħafna aktar minn *turnkey contractor*. Il-Kunsill għamel ukoll riċerka u sab li dan l-offerent kien ikkundannat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali permezz ta' kawża numru 573/2008 u għalhekk, meta qies dan kollu l-Kunsill ma ħassx li kellu jieħu riskju fuq differenza żgħira fil-prezz li hija biss ta' 1.87% fuq l-irħas offerta.

## 5. KOMUNIKAZZJONIJIET

5.1. Is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni għat-tindif u tisbiħ tal-wied bejn il-Kunsill Lokali Naxxar, il-Kunsill Lokali Mosta, l-MCAST u l-Kunsill ta' Ragusa kienet ġiet sottomessa. Hija spjegat li kemm-il darba l-Kunsill jingħata l-fondi neċessarji, dan

il-wied kien se jitnaddaf, jitpoġġew xi pontijiet tal-injam, isir ilqugħ għall-ilmijiet tax-xita u tisbiħ ieħor bħal mogħdijiet u ħolqien ta' żona fejn isiru pikniks.

5.2. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kunsill ta' Reggio Calabria kien talab li jiġu kkonfermati d-dati taż-żjara li jmiss kif ukoll in-numru tan-residenti li se jmorru.

5.3. Is-Sindku infurmat li hi u s-SE kienu ffirmaw ittra sabiex il-Kunsill jingħata l-kumplament tal-flus dovuti lilu mill-fondi tal-UIF għall-proġett tal-bandli minħabba xi tibdil fid-dettalji li kien hemm oriġinalment.

5.4. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadda numru ta' vawċers għal xiri ta' kotba għal-librerija. Ma' dawn għaddew ukoll numru ta' book marks bil-logo tal-Kunsill. Dawn tqassmu waqt preżentazzjoni li saret dak inhar filgħodu.

5.5. Il-Kunsillier Galea semma li skont xi residenti, is-servizz tal-Kunsill mhux jingħata b'mod regolari fiż-żona tas-Salina. Is-SE informa li hemm kuntrattur li suppost li jnaddaf fuq bażi regolari. Is-SE għandu jiġbed l-attenzjoni ta' dan il-kuntrattur. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Gatt, se jitpoġġa avviż fuq *il-Kuntatt* bil-ġranet u t-toroq u l-frekwenza tat-tindif tat-toroq madwar il-lokalità kollha.

5.6. Il-Kunsillier Sammut informa li kien ikkomunika mad-Dipartiment taż-Żgħażagħ u Sport u dawn kienu infurmaw li s-sessjonijiet maħsuba setgħu jinbdew.

5.7. Il-Kunsillier Sammut informa wkoll li fil-Magħtab kien beda jsir ix-xogħol ta' tindif kif mitlub mill-Kunsill.

5.8. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kellha laqgħa ma' ELC dwar it-tisbiħ tal-ġonna fejn ġie stabbilit li kull xahar għandhom jagħtu rendikont tax-xogħlijiet li qed isiru fil-lokalità.

5.9. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kien ingħata bidu għall-kors fuq il-pjanti. Dan se jkun twil 8 sessjonijiet ta' siegħa u nofs u qed jingħata mis-Sur Peter Calleja kull nhar ta' Erbgħa.

5.10. Hija infurmat ukoll li kienet qed taħdem ukoll fuq il-possibbiltà li tinżamm il-kompetizzjoni tal-fjuri għall-isbaħ faċċata jew ġnien.

5.11. Is-Sindku rrimarkat fuq il-fatt li t-traffic island ta' quddiem it-Turkish Kebab għandha bżonn it-taħwil ta' fjuri u aktar tindif. Is-SE informa li attwalment kien hemm xitel tal-fjuri mħawwla diġà, inkluż *lantana* s-safra u *Sempre vivum* u li allura wieħed jittama li ma jdumux ma jibdew jiffjorixxu. Dwar it-tindif kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lil sid dan l-istess ħanut biex ipoġġi numru ta' bins. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lis-sidien tal-ħwienet tal-ikel u x-xorb biex ipoġġu laned taż-żibel fil-viċin sabiex min ikun ħiereġ mill-ħanut tagħhom ikun jista' jużahom.

5.12. Hawnhekk il-Kunsillier Galea fakkar li hemm bżonn li jinbidlu l-laned taż-żibel madwar iċ-ċentru b'mod speċjali għaliex qed jagħtu dehra kerha. Fir-rigward tad-*doggie bins* is-SE informa li dawn kienu nxtraw iżda għandna nikkonfermaw fejn se jitwaħħlu.

5.13. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li jidher li mhux ir-residenti kollha qed jikkoperaw mal-avviżi li ntbagħtu mill-Kunsill dwar il-kollezzjoni tal-boroż taż-żibel. Kien hemm qbil li għandu jintbagħat avviż ieħor b'nota li se jkun hemm infurzar għal min ma jobdix id-direttiva tal-Kunsill.

5.14. Kien hemm qbil li l-laqgħa dwar l-ilmenti se tinżamm nhar it-Tlieta 27 ta' April 2010 fis-2:30pm. Minħabba li l-Viċi Sindku ma jistax jattendi, kien hemm qbil li jiġi sostitwit mill-Kunsillier Sammut.

**6. UŻU TAS-SALA U ĦLASIJIET RELATTIVI**

6.1. Is-SE informa li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jirrevdi r-rati għall-użu tas-sala u l-apparat fiha. Kien hemm qbil fil-prinċipju li għall-kirja tas-sala tal-Kunsill il-ħlas għandu jkun €23.29 għall-korsijiet li jieħdu ċertu tul u jagħmlu użu biss tas-sala nfisha (bħal yoga, aerobics, salsa, eċċ) filwaqt li oħrajn li jinvolvu l-ħtieġa ta' rranġar ta' siġġijiet, projector u screen, kafe eċċ, dawn għandhom iħallsu s-somma ta' madwar €70. Madanakollu m'għandiex tkun ikkonfermata qabel ma jsir rapport aktar dettaljat mill-amministrazzjoni.

**7. RESPONSABILTAJIET**

7.1. Is-SE informa li, wara li tqajjem il-każ tar-responsabbiltajiet, huwa kien talab konferma mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali dwar l-interpretazzjoni tal-liġi fejn kien ikkonfermat li l-Kunsill kellu jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu billi jassenja Kunsillier wieħed għal kull responsabbiltà.

7.2. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Muscat Fenech Adami għandha tieħu r-responsabbiltà tal-ġonna f'idejha filwaqt li l-Kunsillier Sammut jieħu r-responsabbiltà tal-ambjent in ġenerali.

7.3. Il-Kunsillier Bonello kien se jieħu r-responsabbiltà tal-PR kollha f'idu filwaqt li l-Kunsillier Miceli żżomm l-edukazzjoni flimkien mal-librerija.

7.4. Għalkemm kien hemm xi diskussjonijiet oħra kien hemm qbil li dawn ir-responsabiltajiet ikomplu jiġu diskussi matul il-laqgħa li jmiss.

7.5. Il-Kunsillier Galea informa li kienet inżammet laqgħa tal-bord editorjali fejn kien hemm qbil li sa qabel l-20 ta' Ġunju għandu jkun tqassam il-fuljett li jmiss. Il-Kunsilliera għandhom jgħaddu l-artikli tagħhom sa mhux aktar tard mill-25 ta' Mejju. Huwa informa li kien ġie maqbul li għandu jkun hemm sezzjoni tat-tfal li kien se jieħu ħsiebha hu. Huwa informa li possibilment se jsir ukoll artiklu bl-ingliż li jagħti rendikont tal-kontenut tal-fuljett minflok ikun traduzzjoni ta' artiklu wieħed. Idealment ukoll għandu jinkludi l-lista ta' responsabbiltajiet.

7.6. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Sammut il-Kunsill qabel li jorganizza xi diskussjonijiet għaż-żgħażagħ li jiffurmaw parti mis-soċjetajiet Naxxarin dwar suġġetti bħal koħabitazzjoni, eċċ.

**8. PROPOSTA MILL-ARTIST MIN-NAXXAR GRAHAM WOODALL**

8.1. Is-SE spjega dwar proposta li għamel l-artist min-Naxxar Graham Woodall dwar proġett tal-arti għall-komunità kollha u li għalih is-Sur Woodall qiegħed jipprova jakkwista fondi mill-Malta Arts Fund. Jekk dan il-proġett jieħu l-fondi, li jmorru għall-istampar tal-arti fuq l-aluminium u l-istruttura li biex jitwaħħlu magħhom, il-Kunsill jintalab ħlas ta' €250 għall-ispejjeż l-oħra biex il-komunità tagħmel l-arti.

8.2. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li hemm possibbiltà li jsiru xi korsijiet li jkunu parzjalment iffundati mill-Gvern Ċentrali skont memo mid-Dipartiment 52/2010. Hija kienet diġà ħajjiet xi proposti. Kien hemm qbil li għalkemm il-Kunsill mhux kontra li jsiru korsijiet simili, għandna naraw nistgħux norganizzaw uħud minnhom mingħajr ħlas.

## 9. TALBA TA' ISEM TA' TRIQ/PJAZZA

9.1. Is-Sindku infurmat li kienet irċeviet talba biex tissemma triq għal Carmelo Mangion, artist stabbilit li kien twieled ġewwa n-Naxxar. Ma kienx hemm oġġezzjoni li tissemma' triq għalih. Il-Kunsill għalhekk għandu jara x'toroq hemm biex jisemmew u jekk hemmx pendenzi li għadna qed nistennew l-approvazzjoni ħalli jkun jista' jiddeċiedi liema se jsemmi.

9.2. Fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Muscat Fenech Adami kien hemm qbil li l-ġnien li jinsab bejn Vjal il-Labour u Triq l-Imdina għandu jissemma Ġnien Marija Bambina. Dan se jgħaddi għall-approvazzjoni tal-kumitat għat-tismija tal-ġonna.

## 10. TWAĦĦIL TA' MATERJAL FUQ IN-*NOTICE BOARDS* TAL-KUNSILL

10.1. Wara li President ta' għaqda lokali kien allega li kienet qed preferenza bejn soċjetà u oħra fit-twaħħil ta' materjal fuq in-*notice boards*, is-SE informa li fil-każ in partikolari, il-poster li kien twaħħal man-*notice board* ta' ħdejn il-Kunsill għaliex aċċessibbli kuljum għall-amministrazzjoni. Minbarra hekk, il-poster tpoġġa wkoll fuq il-profil tal-Kunsill fuq *Facebook* b'mod immedjatament.

10.2. Kien hemm qbil li posters u avviżi kummerċjali m'għandhomx jeħlu filwaqt li avviżi tal-kunsill għandhom dejjem jieħdu preċedenza fuq kwalunkwe avviż jew poster ieħor. Ta' importanza wkoll huma avviżi mill-Gvern Ċentrali kif ukoll xi avviż ta' interess pubbliku; wara dawn, kemm-il darba jkun hemm spazju jistgħu jitpoġġew ukoll avviżi mingħand soċjetajiet u għaqdiet Naxxarin. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat nota lis-soċjetajiet sabiex kemm-il darba jkollhom xi materjal għat-twaħħil fuq in-*notice boards* tal-Kunsill, dawn għandhom jassiguraw li jibgħatu biżżejjed posters biex jitqassmu ma' kollha.

## 11. PROPOSTA GĦAL BINI TA' PARKEĠĠ

11.1. Is-SE informa li kienet inżammet laqgħa mas-Sur Paul Xuereb wara li kien wera interess li jibni parkeġġ taħt il-bandli u l-grawnd tal-futbol preżenti. Il-proposta tiegħu kienet li jibni parkeġġ għal 250 vettura, iżomm il-playing field, jinbnew xi uffiċini kif ukoll isir grawnd tal-futbol *indoor*.

11.2. Is-SE informa li għalkemm dan l-individwu kien wera interess u kien lest jipprepara anke sett ta' pjanti u disinni, proġett simili jinħareġ permezz ta' sejħa għall-offerti, u għaldaqstant ma kien hemm l-ebda garanzija li kien se jintagħżel hu.

11.3. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jwassal dan l-interess lid-Dipartiment tal-Artijiet filwaqt li jitlob lis-Sur Xuereb biex jipprepara *block plan* bil-proposta.

11.4. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Bonello kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinsisti li dan il-proġett huwa bżonjuż ħafna għall-aħjar tal-komunità Naxxarija.

11.5. Il-Kunsillier Gatt fakkar li fil-*Master plan* li tħejja mill-istudenti tal-arkitettura kien diġà ġie ssuġġerit li taħt il-bandli għandu jsir parkeġġ u għaldaqstant meta l-Kunsill approva l-*Master plan* awtomatikament il-Kunsill kien qabel ma' dan il-prinċipju wkoll.

11.6. Hawnhekk skuża ruħu mil-laqgħa l-Viċi Sindku. Il-ħin kien l-9.50pm.

11.7. Il-Kunsillier Sammut semma li sar vandaliżmu fil-*playing field* ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku u għaldaqstant talab li nivverifikaw min għamel dan il-vandaliżmu. Is-SE informa li kemm-il darba ma jingħatax data u ħin speċifiku jkun impossibbli li jsib min minħabba li jkun irid jara l-filmat ta' xahar sħiħ. Resident li kien preżenti

għal-laqgħa informa li riċentament il-mara tiegħu rrappurtat ħsara li kienet qed issir lill-pulizija iżda minħabba li dawn ma marrux immedjatament, ma qabdu lil ħadd. Kien hemm qbil li se jsir rapport l-għassa għal aktar dettalji.

## 12. ĠIEĦ IN-NAXXAR

12.1. Is-SE fakkar li l-Kunsill kien qabel li għandu jirrevedi r-regolamenti għall-għoti ta' Ġieħ in-Naxxar kif ukoll jagħmel xi proposti għal xi għotjiet ġodda. Kien hemm qbil li jiġi ffurmat sotto kumitat magħmul mis-Sindku u l-Kunsilliera Galea, Gatt u Muscat Fenech Adami.

## 13. MOZZJONI MINN CLINTON SAMMUT DWAR XOGĦOL BIL-KONKOS FUQ MOLL

13.1. Il-Kunsill qabel unanimament mal-mozzjoni dwar xogħol bil-konkos fuq il-moll tal-bajja tal-Magħtab minħabba li tkisser bil-maltemp. Se tintagħżel l-aktar kwotazzjoni rħisa. Mozzjoni/skeda annessa f'B.

## 14. MOZZJONI MINN CLIFFORD GALEA DWAR IL-PROĠETT TAL-PJAZZA

14.1. Il-Kunsillier Galea ressaq mozzjoni dwar il-progett tal-Pjazza kif anness f'Ċ. Din kienet issekondata mill-Kunsillier Miceli. F'dak il-hin is-Sindku tat spjega dwar il-proċess mehtieg biex ikun jista' jimmaterjalizza dak li kien propost fil-mozzjoni u li xorta l-Kunsill ried ikollu l-permessi f'idejh. Is-Sindku aċċertat li l-Kunsill ma kienx lest li jattwa xi ħaġa li ma taħdimx filwaqt li jkun inutli li wieħed jagħmel provi issa meta għadna l-bogħod ħafna biex inkunu nafu jekk il-proġett jistax ikun approvat jew le.

14.2. Wara diskussjoni qasira, u wara spjegazzjoni mis-Sindku, f'dawk iċ-ċirkostanzi l-mozzjoni ġiet irtirata.

14.3. Is-SE informa li l-ġimgħa ta' qabel kienet saret laqgħa mal-maġġorparti tas-sidien tal-ħwienet, laqgħa oħra ma' rappreżentanti tal-GRTU, laqgħa oħra mal-Periti tal-Kunsill u Transport Malta fost oħrajn fir-rigward tal-proġett tal-Pjazza. Huwa informa li bħalissa l-Kunsill kien għadu fil-proċess li jissottometti l-pjanti lill-MEPA. L-aħħar pjanta kienet turi ammont ikbar ta' parkeġġ minn dik sottomessa qabel.

14.4. Għall-mistoqsija jekk il-garaxxijiet humiex se jkollhom aċċess, ir-risposta tal-Kunsill kienet fl-affermattiv.

## 15. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

15.1. Qabel ma spiċċat il-laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsillier Bonello preżenta l-ktieb ta' Annabelle Vassallo, "Irrid Ngħix" biex jitpoġġa fil-librerija tal-Kunsill.

15.2. Il-laqgħa spiċċat fl-10:30pm.

15.3. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 27 ta' April 2010.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# B

**Mozzjoni dwar xogħol fuq il-moll**

Il-Kunsillier Clinton Sammut qiegħed jipproponi:

Li kunsill lokali jirranga l-moll ezistenti li hemm fir-Ramla tal-Magħtab peress li minħabba l-elementi tal-baħar dan tkisser u m'għadux funzjonabli.

Bit-tiswija ta' dan il-moll delettani u sajjieda jkunu jistgħ jagħmlu użu mill-ġdid ta' dan il-moll li joffri servizz aħjar għall-inżul u tlugħ għall-opri tal-baħar. Barra min hekk dan il-moll joffri kenn għal kull tip ta' riħ u forza tal-baħar.

B'dan il-ħsieb il-Kunsill lokali għandu jintrabat mas-somma ta' €225 li tinkludi cement C35 u anke x-xibka tal-ħadid biex issaħħaħ il-konkos.  Ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Dawn hawn taħt huma l-istimi kollha li ġbart mid-diversi kumpaniji li kkuntatjajt.

Stimi:

Sammut concrete
Zrar u Ramel and Cement
**Costs:Euro 192**

Blokrete➔ sent fax. No Net
**Costs: Euro 222.84**

Central Asphalt
**Costs: 210.30euros**. No Net

Vassallo Concrete Suppliers.
**Euros 240.43**

Vassalo Building Block Limited
**Costs: €265.60 Sulphate resistant.**
Hal MannVella

Bar Reinforcement: A252
**Costs: 33euros**

Tissekonda: Dr Maria Fatima Deguara (Sindku)

7 ta' April, 2010

**Mozzjoni dwar il-proġett tal-Pjazza**
Jien f'isem il-Kunsilliera Laburisti qed nipproponi li ghandha tigi kkunsidrata din il-mozzjoni.

Wara l-kontroversja li nqalghet dwar il-proposta tal-Progett tal-Pjazza, gie nnotat li l-pjanta tal-pjazza ssottomessa lill-Kunsill fil-laqgha li nzammet b'urgenza nhar it-30 ta' Marzu u li ghalija attendew numru ta' residenti, ma kinitix bhal dik diskussa originarjarment fil-Kunsill, qed nitolbu li ssir prova ta' gimgha bl-arrangamenti l-godda tat-traffiku fi Triq Toni Bajjada sabiex jigu stabbiliti l-impatt u l-vijabilita ta' dan it-tibdil, qabel ma tittiehed id-decizjoni finali. Qabel isir dan ghandhom jitwahhlu sinjali cari biex jindikaw dak li qed isir u biex ma jkunx hemm konfuzjoni.

Proponent: Clifford Galea
Sekondant: Pauline Miceli

9 ta' April, 2010